DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

tal-25 ta' Frar 2010

li tiddetermina s-sede tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil

(2010/762/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA, IMLAQQGĦIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil.

(2) Huwa meħtieġ li tiġi determinata s-sede tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Asil għandu jkollu s-sede tiegħu fil-Port tal-Belt Valletta.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Ġunju 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

A. PÉREZ RUBALCABA

[1] ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11.